# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1341/99mm**

**Luciano Demicoli**

**vs**

**George Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fis-16 ta' Settembru 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' sitt mija sitta u erbghin lira disgha u erbghin centezmu (Lm646.49c) bhala danni minnu kkagunati u minnu subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Hal Luqa fis-26 ta' Frar 1999 meta waqt li huwa kien qed isuq il-vettura numru IBC 613 habat mal-vettura numru KAH 476, proprjeta' tal-attur - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Awissu 1999, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma’ l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mit-13 ta’ Awissu 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident “de quo” kien unikament responsabbli l-istess attur stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fis-26 ta’ Frar 1999 ghal habta tas-siegha u nofs ta’ wara nofs-in-nhar f’St Andrews Road, iz-Zurrieq bejn il-karozza Marina KAH 476 misjuqa mill-attur u t-truck KIA Ceres IBC 613 misjuq mill-konvenut.

L-attur xehed illi huwa kien qieghed isuq go New Street u ried jaqsam St Andrews Street biex ikompli t-triq tieghu ghal go Sir Ugo Mifsud Street. Meta wasal f'tarf ta' New Street huwa waqaf wara l-Stop Sign biex ikun jista jesplora t-triq, izda kif kien hekk wieqaf giet il-vettura misjuqa mil-konvenut, minn St Andrew's Street, gibdet lejn ix-xellug u baqghet diehla fuqu. Bid-daqqa l-Marina sofriet hsarat serji peress illi gie mifqugh ir-*radiator* u giet danneggjata wkoll ir-rota ta' quddiem b'tali mod illi dina kellha tigi rmunkata minn fuq il-post.

Il-versjoni ta' l-attur hija korroborata minn xhud okulari Carmelo Calleja fejn a fol 32 jaghti x-xhieda tieghu ta' kif ra dan l-incident isir. Calleja kien gej mid-direzzjoni opposta go Zurrieq Road. Meta gie fil-kantuniera ma' Sir Ugo Mifsud Street huwa waqaf peress illi kienet hierga karozza li riedet iddur lejn ix-xellug ghal go St Andrew's Street. Kien dak il-hin illi ra l-vettura misjuqa mill-konvenut gejja mill-faccata u cioe' minn St Andrew's Street u tibqa diehla fuq il-Marina li kienet dak il-hin wieqfa fit-tarf ta' New Street. Calleja jkompli jghid illi huwa nduna mall-ewwel illi kien ser ikun hemm incident ghaliex ra l-vettura misjuqa mill-konvenut titbandal minn nahha ghall-ohra u raha tavvicina u tolqot il-karozza misjuqa mill-attur.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-Qorti m'ghandhiex il-konfort tax-xhieda tal-konvenut peress illi meta l-kawza kienet appuntata ghax-xhieda tieghu dana ma deherx biex jixhed, ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq dawk il-provi prodotti u cioe' l-versjonijiet tal-attur u

x-xhud minnu prodott kif ukoll l-isketch tal-pulizija. Dan l-isketch jindika car illi l-attur kien wieqaf wara l-stop sign. L-*spot of impact* kif indikat mill-pulizija qieghed nettament go New Street wara l-Stop Sign fejn kien wieqaf regolarment l-attur. Il-Qorti ma tistax ticcensura xejn fis-sewqan ta' l-attur peress fil-posizzjoni li kien wieqaf halla liberu l-passagg f'St Andrew's Street b'tali mod illi dawn il-vetturi, illi kienu qed juzaw din it-triq, setghu jghaddu liberament minghajr ma jsibu xi xkiel minn nahha ta' l-attur. Biex il-konvenut baqa' diehel fuq il-karozza misjuqa mill-attur bilfors li gibed xi ftit lejn ix-xellug ghal go New Street b'tali mod illi dana biddel il-perkors tat-triq tieghu. Kif gia nghad, l-*spot of impact* qieghed nettament go New Street f'posizzjoni fejn il-vettura tal-konvenut ma kellhiex tkun, la darba kien ser jibqa jsuq dritt go Zurrieq Road. Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut naqas mhux ftit meta huwa biddel id-direzzjoni tal-vettura tieghu, mqar ghal ftit, biex b'hekk ghadda zbrixx quddiem il-karozza ta' l-attur.

Il-versjoni moghtija minn Calleja tista tispjega l-mekkanika ta' dan l-incident. Calleja jghid illi l-konvenut ma kienx sod fis-sewqan tieghu. Kien ghaddej daqsxejn *high* u kien jidher illi ma kellhux il-kontroll shieh tal-vettura b'tali mod illi dana kien qed jitbandal minn nahha ghall-ohra. Il-Qorti ghalhekk tikkonsidra illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament il-konvenut li minhabba traskuragni u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkawza d-danni lill-attur.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal incident tat-traffiku li gara Hal Luqa fis-26 ta' Frar 1999 bejn il-karozza KAH 476 proprjeta' tal-attur, u l-vettura numru IBC 613 misjuqa mill-konvenut u dana minnhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Tillikwida d-danni subiti mill-attur fl-ammont ta' sitt mija u sitta u erbghin lira disgha u erbghin centezmu (Lm646.49c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont hekk likwidat lill-attur. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg